DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 2011

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà

(2012/3/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet taħt is-subintestatura 1a u l-intestatura 4, iżżewġ fergħat tal-awtorità baġitarja qablu li jimmobilizzaw l-Istrument tal-Flessibilità biex, fil-baġit tal-2012, jikkomplementaw il-finanzjament, lil hinn mil-limitu massimu tas-subintestatura 1ata' EUR 50 miljun lejn il-finanzjament tal-Istrateġija Ewropa 2020, u lil hinn mil-limitu tal-intestatura 4, ta' EUR 150 miljun lejn il-finanzjament tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,:

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, minn hawn 'il quddiem "il-baġit tal-2012") l-Istrument ta' Flessibilità għandu jintuża biex jipprovdi s-somma ta' EUR 50 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji taħt is-subintestatura 1a u ta' EUR 150 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 4.

Dak l-ammont għandu jintuża sabiex jikkumplimenta l-finanzjament ta':

— EUR 50 miljungħall-Istrateġija Ewropa 2020 taħt is-subintestatura 1a;

— EUR 150 miljun għall-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	M. SZPUNAR

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.